MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 208/2010

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995), mil-liema zwieg twieled il-minuri Luke B wara biss sitt xhur stante li kien gja kkonceput tlett xhur qabel din id-data;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb bi vjolenza morali jew biza ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (a) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg 1975;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;
7. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artikolu 19 (1) (a) u/jew 19 (1) (c) u/jew19 (1) (d) u/jew 19(1) (f) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1) (h);

Talbet sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-Ligi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponenti ma ghandu ebda oggezzjoni ghall-annullament taz-zwieg tieghu mill-attrici stante li veru jezistu l-elementi skond il-ligi ghall-annullament tal-imsemmi zwieg bejnu u bejn martu, pero’ ghal ragunijiet u htijiet imputabbli lill-attrici u mhux imputabbli lilu kif allegat u dana kif ser jkun pruvat dettaljatament fil-mori tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A B u l-intimat C B datat il-25 ta’ Marzu 1995 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(a), (c), (d) u (f), (g) u (h) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha tieghu l-intimat jghid li ma jsib ebda oggezzjoni ghal dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg tieghu mal-attrici imma dan ghandu jkun ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u mhux lilu.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tghid li l-unika raguni ghala dahlet ghal dan iz-zwieg kienet dik li kienet harget tqila qabel iz-zwieg u hasset li ma kellha ebda ghazla hlief li tizzewweg sabiex binha xorta wahda jitwieled fiz-zwieg. Hi tispjega li r-relazzjoni taghha mal-intimat kienet wahda ibbazata fuq relazzjonijiet intimi aktar milli relazzjoni fis-sens wiesgha tal-kelma u dan ghaliex kienet ghadha kif ghaddiet minn proceduri ta’ annullament miz-zwieg taghha precedenti. Kopja tas-sentenza tal-annullament mahrug fil-konfront tal-attrici u l-ewwel ragel taghha John Pace hija esebita a fol 15 tal-process. L-attrici tghid li ghalkemm mill-bidu kien ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien, il-hin li verament kienu jqattghu flimkien sabiex isiru jafu lil xulxin, kien verament limitat. Dan kien minhabba s-sieghat twal li kienu jahdmu kif ukoll peress li l-unika hin li kienu jiltaqghu kienu fis-sieghat bikrin ta’ filghodu fejn wara li kienu jiehdu *drink*, kienu jmorru fl-appartament tal-attrici sabiex ikollhom x’jaqsmu ma’ xulxin u mbaghad l-intimat jerga’ jmur lura ghand ommu.

L-attrici tghid li t-tqala taghha kienet wahda mhux pjanata u kienet frott ta’ lejl fejn kienu xorbu aktar mis-soltu. Hi tghid li hekk kif l-intimat sar jaf b’din it-tqala, mill-ewwel beza’ mir-reazzjoni tal-familja tieghu li kienet konservattiva u haseb ukoll fiz-zwieg. L-attrici tghid li meta taw l-ahbar lill-familja tieghu, hi ma kienitx tafhom sew ghaliex qatt ma kellhom xi intenzjoni li din ir-relazzjoni fizika xi darba twassal ghal xi haga serja u ghalhekk qatt ma rat l-iskop li ssir taf lill-familjari tieghu.

L-attrici tghid li kif saret taf bit-tqala, omm l-intimat mill-ewwel qaltilhom li ma kellhom ebda ghazla ohra hlief li jizzewgu. Bil-pressjoni li tghid li hasset kif ukoll minhabba l-fatt li l-attrici kient konxja mill-hsibijiet konservattivi tal-Maltin, tghid li hasset li ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tizzewweg, ghalkemm tghid li hadet dan il-pass biss minhabba t-tqala taghha u xejn aktar, specjalment wara dak li kienet ghaddiet minnu wara l-ewwel proceduri ta’ annullament.

L-attrici tiddiskrivi l-preparamenti tat-tieg bhala mghaggla fis-sens li kollox sar fi zmien ftit gimghat. Wara z-zwieg fir-registru pubbliku, saret ikla ghall-familja li skond l-attrici saret sabiex fil-ghajn tkun tidher li kollox kien pjanat minn ferm qabel. Fil-mument tal-kunsens, l-attrici tirrakkonta kif fil-verita’ qalet ‘iva’ pero’ fil-fond ta’ qalbha kienet taf li dan kien zball, pero’ fl-istess hin kienet thoss li ma kellha ebda ghazla ohra.

**<u>Il-verzjoni tal-intimat</u>**

L-intimat jaghti deskrizzjoni totalment opposta ghal dik li taghti l-attrici fis-sens li filwaqt li hi tghid li r-relazzjoni taghhom kienet wahda fizika u kwazi xejn aktar, l-intimat jghid li huma kellhom relazzjoni serja li kienet ilha ghaddejja sa miz-zmien meta l-attrici kienet ghadha ghaddejja mill-proceduri ta’ annullament mal-ewwel ragel taghha. Hu jghid ukoll li l-attrici kienet titolbu biex johrogha tqila u dan bl-aktar mod kuntrarju ghall-verzjoni li taghti l-istess attrici meta tghid li harget tqila meta l-partijiet kienu xorbu aktar mis-soltu.

L-intimat jikkonferma wkoll (bhall-attrici) li d-decizjoni ghaz-zwieg kienet ibbazata fuq il-fatt li l-attrici kienet tqila u li kien pjuttost imfixkel minhabba din is-sitwazzjoni peress li kien gej minn familja pjuttost konservattiva, u fi kliemu stess "***kont imrobbi sewwa***". Hu jghid ukoll li ghalkemm xtaq jizzewweg, ried li jistenna aktar imma minhabba c-cirkustanzi, kellu jghaggel.

L-intimat jghid li l-problemi bejn il-partijiet bdew wara t-twelid tat-tarbija peress li l-attrici tatha ghall-hrug u d-divertiment sa' tard bil-lejl. Ir-responsabbilita' kollha tat-tarbija kienet waqghet kompletament fuqu u dan anke ghaliex l-istess attrici kienet tirritorna lura d-dar wara l-hrug fis-sakra u ovvjament ma kienitx tkun f'sikkitha bizzejjed li tiehu hsieb lit-tifel.

L-intimat jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li ghalkemm prova jaghmel minn kollox biex isalva z-zwieg, martu "***xejn ma kien jimpurtaha mill-familja u aktar kien mohha fix-xalar u divertiment***".

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-25 ta' Marzu 1995 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process. Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet tqila fil-mument tal-kunsens taz-zwieg, *stante* li l-wild tal-partijiet Luke B twieled biss ftit xhur wara l-istess zwieg u cioe' nhar is-7 ta' Ottubru 1995 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit in atti.

Il-Qorti, apparti mix-xhieda tal-partijiet, taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta' Ann-Marie Corney, fejn tispjega kif kienet sorpriza meta skopriet li l-attrici kienet ser tizzewweg u dan ghaliex qatt ma hadet l-impressjoni li r-relazzjoni taghha mal-intimat kienet wahda serja. Hi tikkonferma wkoll li l-attrici stqarret maghha li kienet qieghda tigi *pressured* biex tizzewweg minhabba li kienet tqila bit-tarbija tal-intimat. Fi kliem l-istess xhud "***it was evident to me that this was the only reason why A got married. Without the pressure which she appeared to be under, she would not have gotten married***".

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta, jirrizulta car u bl-aktar mod inekwivoku li z-zwieg bejn il-partijiet sehh biss ghaliex l-attrici kienet harget tqila u xejn aktar. Jidher car ukoll li qabel din l-ahbar, il-partijiet ma kellhom ebda intenzjoni li jizzewgu, jew ghall-anqas mhux daqshekk fil-vicin. Iz-zewg partijiet jikkonfermaw li l-familja tal-intimat hija wahda konservattiva, fis-sens li raw it-tqala tal-attrici qabel iz-zmien minn lat negattiv. Il-Qorti thoss li minkejja li omm l-intimat setghet verament ghamlet xi ftit pressjoni sabiex il-partijiet jizzewgu, din ma kienitx tammonta ghal dik il-biza' hekk kif hija necessarja sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat abbazi tal-artikolu 19(a) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[1]**,** il-Qorti tat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem il-Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Il-Qorti tirrileva li, minkejja li jirrizulta li omm l-intimat setghet influwenzathom sabiex jiehdu dan il-pass taz-zwieg, dan ma jammontax ghall-estremi tal-Artikolu citat u ghall-vjolenza morali *ai termini* tal-istess gurisprudenza. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi ta' dan l-Artikolu *stante* li l-estremi msemmija bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fil-kaz odjern.

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

Dwar Artikolu 19(1)(c), u cioe’ li l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, ma jirrizulta ebda qerq minn xi wahda mill-partijiet. L-attrici lanqas taghti hjiel ghal xi forma ta’ qerq da parti tal-intimat li permezz taghha tipprova tissostanza l-kawzali taghha. Anzi ghall-kuntrarju, ssostni kemm fil-fatt ma kienitx taf lill-intimat u kien biss wara z-zwieg li verament skopriet il-karattru tieghu jew ghall-anqas il-gosti tieghu. Dan necessarjament juri li l-intimat qatt ma seta’ qarraq bl-attrici dwar xi kwalita’ mill-karattru tieghu jew mill-mod ta’ kif jahsibha li seta’ jwassal ghal xi forma ta’ vizzju tal-kunsens ghaliex kif tiddikjara l-attrici stess, lill-intimat ma kienitx tafu. F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[2] fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[3] gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

---

[2] Deciza nhar id-9 ta’ Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-09 ta’ Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici ma resqet ebda prova u ma taghmel ebda referenza ghal xi forma ta' aspett li permezz tieghu setghet tipprova tali bazi ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex ma jirrizultawx l-elementi necessarji msemmija fil-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu. Anzi pjuttost jirrizulta li l-attrici skopriet il-karattru tal-intimat wara z-zwieg, u cioe' meta bdew jghixu flimkien milli fiz-zmien tal-gherusija.

Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg ghar-ragunijiet hziena. Xejn ma hasbu dwar il-konsegwenzi taz-zwieg, dwar il-hajja taghhom bhala koppja mizzewga. Hasbu biss fil-mument, kif ser 'isolvu' l-kwistjoni tat-tqala biex il-familja tal-intimat tkun kuntenta u biex ikunu konformi mas-socjeta' u xejn aktar. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta biss (u dan hu kkonfermat miz-zewg partijiet) mal-fatt li l-attrici kienet tqila u xejn aktar. Dan ifisser li l-partijiet xejn ma hasbu fuq dak li kienu dehlin ghalih.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

vista tal-fatt li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba l-pressjoni socjali u tal-familja li jkollhom tarbija fiz-zwieg u mhux ghax verament jiehdu dan il-pass. L-ebda wiehed mill-partijiet ma ra l-pass taz-zwieg bhala l-bidu ta' hajja mizzewga bhala koppja maghquda fiz-zwieg innifsu, ghaliex iz-zwieg ghalihom kien biss il-mezz sabiex b'xi mod jaggustaw is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha. Tant hu hekk, li l-attrici tghid li qatt ma kellha l-hsieb li terga' tizzewweg, filwaqt li l-intimat jghid li ried jizzewweg pero' aktar 'il quddiem u mhux bil-mod mghaggel li bih sar iz-zwieg.

Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. L-attrici tghid li kienet taf fil-fond ta' qalbha li dan iz-zwieg kien zball, izda dan ma jammontax ghal simulazzjoni kif interpretata mill-qrati taghna. F'dan l-istadju il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma gab xi forma ta' prova li kien hemm xi eskluzjoni ta' xi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew li xi wiehed jew wahda minnhom kienet inkapaci li tassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva, illi l-partijiet ma rnexxilhom igibu prova li permezz taghha setghu jipprovaw li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(g) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb billi l-kusnes intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur, ghal darb'ohra il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda hjiel dwar liema kondizzjoni tal-futur l-attrici qieghda taghmel referenza ghaliha. Dan qieghed jinghad ghaliex l-attrici ma ssemmix x'setghet kienet tali kondizzjoni. Fil-mument tal-kunsens, l-istess attrici kienet diga' tqila bit-tarbija u ghalhekk, it-twelid tat-tarbija ma jistax ikun il-kondizzjoni fil-futur li ssemmi l-attrici.

Dwar l-Artikolu 19(1)(h) u cioe' li l-kunsens ta' l-intimat kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sari z-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[8]**,** fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sifficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fil-hin tal-kunsens, l-intimat ma setax jaghti kunsens liberu u ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

---

[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[9] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li ma tressqet ebda prova li permezz taghha tista' b'xi mod twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista' jkun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Atti taz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell